

31988R3417

4.11.1988

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 301/8

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3417/88
tal-31 ta' Ottubru 1988
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ dwar in-nomenklatura ta' tariffi u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1858/88 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, hu meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa dawn ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun kollha kemm hi jew parti minnha bażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjonijiet addizzjonali magħha u li tkun stabbilita permezz ta' disposizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati miżuri dwar it-tariffa jew xi oħrajn li għandhom x'jaqsmu ma' negozju f'dawn l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom jiġu klassifikati taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, permezz tar-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-nomenklatura

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża issa huma klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet rispettivi tan-NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha..

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Ottubru 1988.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Vice-President

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 166, ta' l-1.7.1988, p. 10.

ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kodiċi tal-klassifikazzjoni fin-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Proċessur elettromekkaniku ta' l-ikel li jżen total ta' 9 kg, bi dħul ta' kurrent ta 1 KW u bi skutella li tesa' 3,5	8438 80 99	<p>Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regola ġenerali 1 u t-testi tal-kodiċijiet tan-NM 8438 u 8438 80 99.</p> <p>Minħabba l-potenza u l-kapaċità tagħha din il-magna mhijiex tat-tip normalment użati fid-djar u ma' tikkonformax mat-test tal-kodiċi 8509 tan-NM.</p>
2. Sistema elettronika għal stampar minn <i>data</i> diġitali	8472 90 90	<p>Il-klassifikazzjoni hi determinata mid-disposizzjonijiet tar-regola ġenerali 1 u t-testi tal-kodiċijiet 8472 u 8472 90 90 tan-NM.</p> <p>Raġġ tal-lejżer joħroġ b'mod selettiv wiċċ elettro-sensittiv iċċarġjat minn qabel li jikkorrispondi għax-xbiha meħtieġa. Farkiet żgħar ta' linka niexfa iċċarġjati negattivament imbagħad jiġu applikati għal mal-fotoriċevitur fejn jeħlu mal-parti possittiva biex jifurmaw ix-xbiha mixtieqa. Din ix-xbiha imbagħad tiġi trasferita għal fuq folja tal-karta iċċarġjata possittivament, imbagħad teħel bis-sħana. L-intestatura 9009 ma tapplikax għax l-istampa tiġi prodotta direttament minn <i>data</i> diġitali u mhux permezz ta' dokument oriġinali.</p>